# GĦANDU JIMPURTANA MILL-*BLOCKCHAIN*



**EDWARD SCICLUNA** / Ministru għall-Finanzi




Biex int issuq irid ikollok persuna tiġri quddiem il-vettura ixxejjer bandiera ħamra

Mhux l-ewwel darba li xi ħadd ikun qed jagħmel xi ħaġa li ġġiegħlu jgħid "mur ġib il-bużnanna tgħix fid-dinja tal-lum!" Dak li jkun wieħed jgħidu fid-dawl tal-progress li jkun sar minn era għall-oħra, b'mod partikolari bil-għajnuna tat-teknoloġija li qed tbidlilna kompletament il-mod ta' kif ngħixu.

Hekk qabża kbira fil-progress, fl-opinjoni tiegħi saret bl-introduzzjoni tal-elettriku li bidlet kompletament il-mod ta' kif ngħixu. Invenzjoni oħra importanti kienet il-karozza, fejn qabel biex wieħed imur minn post għall-ieħor irid juża ż-żwiemel li jrid jitmagħhom u jieħu ħsiebhom u jsserraħhom. Illum għandna xi ħaġa mekkanizzata li magħha ġabet aktar traffiku fit-toroq u iżjed inċidenti tat-traffiku. L-elettriku ġab miegħu r-radju, it-televixin, u l-kompjuters. Dawn it-tip ta' teknoloġiji meta seħħew setgħu jissejħu *destructive technology* jiġifieri li jaqilbu ta' taħt fuq il-mod kif inħarsu lejn xi ħaġa u kif ngħixu. Fil-każ tal-lum hemm teknoloġija oħra partikolari li għadhom ma daħlux kollha f'pajjiżna u li se jkunu rivoluzzjonarji. Nieħdu dik is-sistema li hija imsejħa UBER, sistema ta' trasport li permezz tal-mowbajl tiegħek tara liema hija l-aktar karozza privata viċin tiegħek u tiġi għalik awtomatikamnt fl-istess waqt li taqtagħlek il-flus direttament mill-kont tiegħek, mingħajr ma tħallas fiżikament. Din it-teknoloġija hi grazzi għall-internet li ġab miegħu taqlib kbir.

Hekk ngħidu aħna fit-turiżmu, fejn qabel kien hemm l-irwol tal-aġent tal-ivvjaġġar li kien jikkordina kollox lill-klijent, illum huwa l-klijent li mill-kumdità ta' daru jirranġa kollox huwa u bi prezzijiet kompettitivi.

Iżda niġu għal dak li rrid inwassal illum: il-banek fid-dawl ta' din it-teknoloġija *Blockchain* li qiegħda tevolvi sew.

Nistaqsu: il-banek qed jirrispondu l-istess għal din ir-rivoluzzjoni li għaddejja madwarna b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' *Blockchain* u teknoloġiji oħra? Huwa rwol importanti tal-Gvern li jara li dawn it-teknoloġiji jirregolarizzahom biex eventwalment ikunu siguri biżżejjed li jintużaw b'ċertu serħan il-moħħ. Biex nifhmu aħjar, ejja nerġgħu mmorru għall-eżempju tal-karozza. L-ewwel darba li karozza marret fit-triq b'mod mekkanizzat tista' tgħid li beżżgħet lil kulħadd, u allura kien inħass il-bżonn li jinbidlu r-regoli ta' dak iż-żmien li kienu dwar trasport biż-żwiemel għal bidu tal-liġijiet li nafu llum. Dak iż-żmien ċertu liġijiet li ġew introdotti kienu tad-daħk, fl-Ingilterra u l-Amerka kienu daħħlu liġi li biex int issuq irid ikollok persuna jiġri quddiem il-vettura jxejjer bandiera ħamra. Illum nidħku iżda dak iż-żmien forsi kienet tagħmel sens fid-dawl li n-nies kienu jużaw biss ir-riġel u għal-hekk il-karozzi setgħu kienu ta' periklu.

Dak li qegħdin nippruvaw nagħmlu aħna bħalissa li noħolqu regoli għal xi ħaġa li għadha qed tikber il-*Blockchain*, iżda mingħajr ma nkunu redikoli. Fil-fatt dak hu li għamel il-Gvern Malti u li Gvernijiet ta' pajjiżi akbar għadhom ma għamlux.

Ħloqna awtorità apposta bil-għan li nkunu nistgħu nibdew nirregolaw dan kollu, u b'hekk pajjiżna hu minn ta' quddiem. Mijiet ta' kumpaniji qed jikkunsidraw li jirrilokaw ruħhom f'pajjiżna u jirreġistraw hawnhekk u għalhekk aktar jinħass il-bżonn li wieħed jagħmel dawn ir-regoli u mhux nużaw l-istess regoli li għandna llum.

Dan l-entużjażmu biex noħolqu din l-istruttura qed jissemma f'bosta pajjiżi oħra, niltaqa' ma' diversi nies l-Amerka, l-Iżvizzera, Iżrael u ċ-Ċina li kollha jsemmu lil Malta bħala "The Blockchain Island."

Flimkien ma' dan is-settur wieħed irid iżid settur ieħor li qed naħdmu fuqu dak tal-Intelliġenza Artifiċjali. Dawn iż-żewġ setturi huma revoluzzjonarji, innovattivi u ġodda li pajjiżna qed ikun minn ta' quddiem biex jifimhom u jirregolahom b'regoli li huma relevanti , effettivi u fl-istess ħin mhux dominanti fuqhom.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura li dan is-settur ikompli jipprovdi x-xogħol għal pajjiżna u jkompli jipprometti biex pajjiżna jkompli bit-tkabbir ekonomiku li qed nesperjenzaw illum.

## Bil-ħarsien strett tal-liġijiet jistgħu jiġu evitati ħafna inċidenti fatali



Sur Editur,

Fl-aħbarijiet dan l-aħħar smajna dwar diversi inċidenti fuq il-post tax-xogħol, speċjalment fil-qasam tal-kostruzzjoni, fejn ħaddiema qegħdin jitilfu ħajjithom.

Fl-opinjoni tiegħi, dawn l-inċidenti qegħdin iseħħu għax mhix tingħata attenzjoni biżżejjed għall-perikli li taf toffri din l-industrija, minkejja li f'ċerti każi suppost li jkun hemm persuni responsabbli minn dan il-qasam maħturin mill-P.A. u anke mill-iżviluppatur u dan skont l-informazzjoni li tkun imwaħħla mal-ħajt fejn ikun se jsir il-proġett b'mod li jaraha kulħadd.

Qiegħed jiġri li ħafna drabi din ir-responsabbiltà tasal sal-avviż li jitwaħħal mal-faċċata tal-bini għax min suppost ikun responsabbli bħala uffiċjal tas-sigurtà inkarigat mill-proġett mhux qed josserva ix-xogħol qabel dan jibda kif ukoll waqt li jkun qed isir. Li kieku mhux hekk, mhux suppost li jsiru daqstant inċidenti li jkunu fatali, fejn persuna li tkun ħarġet mid-dar għax-xogħol, ma tirritornax minħabba xi nuqqas jew mill-istess persuna, jew minn min suppost jissorvelja li jkun hemm il-protezzjoni kif ordnat mill-P.A., u mhux wara li jsir l-inċident kif ġara f'Tas-Sliema meta kien qed jintuża l-"pont" meta dan mhux aktar aċċettat li jintuża minħabba l-liġi għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà għal min ikun qed jaħdem fil-għoli.

Meta jien kelli skola tas-snajja' fl-Ospizju fil-Furjana u kont ukoll *trade instructor* tal-bini, l-ewwel lezzjoni li kont nagħti kienet tikkonsisti fuq kif wieħed jieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà. Kont ninsisti, fost oħrajn, li qabel ma jibda t-tbaqqin fuq xi ħajt għat-twaħħil tal-madum dak li jkun ikun ċert li l-*fuses* tal-elettriku jinqalgħu u jinħbew xi mkien b'mod li ħadd ma jkun jaf bihom għax l-aċċidenti jinqalgħu meta ma tkunx qed tistenniehom.

Fuq kollox, meta kont organizzajt l-iskola tas-snajja' tal-bini, kont nissolverlja kontinwament biex nara u naċċerta ruħi dwar xi jkun qed jagħmel kull *trade instructor* fil-*workshop*, u kont nara bi tromba x'jista' joħloq aċċident, l-aktar fejn jidħlu magni bħal dawk tal-mastrudaxxi, *plumbing*, elettriku, eċċ, u ma kont nippermetti l-ebda abbuż jew traskuraġni minn ħadd.

B'hekk naraw li ċerti inċidenti jistgħu jiġu evitati jekk min verament hu responsabbli u mħallas għal ċertu responsabbiltà jaqdi d-doveri tiegħu sew u bl-akbar skruplu. Jekk dan ma jsirx, allura jista' jkun li jkun hemm xi tixħim biex wieħed jagħlaq għajnejh. Il-verità tal-ħajja turina li każi bħal dawn, jew biex jiġu ffrankati xi ftit ewro, jistgħu jissarrfu f'telf ta' ħajja ta' ħaddiema, b'riperkussjonijiet koroh ukoll għall-familji għeżież tagħhom.

DOM. N. PANTALLERESCO,
il-Gżira